## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT:
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Marzu 2001**

Citazzjoni numru 5/2001

Crown Cold Stores Limited

-vs-

Grameri Developments Limited u b'digriet tat-13 ta' Frar 2001 il-kelma "Grameri" giet sostitwita bil-kelma "Gramieri"

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Jannar 2001 fejn wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici taghha fis-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm1646.84) rapprezenanti l-bilanc tal-prezz ta' prodotti ta' l-ikel u merci mibjugha u konsenjati, f'diversi okkazzjonijiet mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta skond statement hawn anness bhala dokument "A".

Illi mitluba biex thallas diversi drabi, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

U illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somam ta' elf sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1646.84) hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kotnra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Victor Muscat hawn anness Dok X.

Tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1646.84) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax legali mis-16 ta' Ottubru 2000 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll in-nota pprezentata, seduta stante, mis-socjeta' konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati.

Tilqa' l-istess talbiet u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1646.84) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' prodotti ta' l-ikel u merci mibjugha u konsenjati f'diversi okkazzjonijiet mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax legali mis-16 ta' Ottubru 2000 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur